



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.6.2006  
KUMM(2006) 324 finali

2006/0107 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf minn self u garanziji għall-proġetti barra mill-Komunità**

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tittratta t-tiġdid tal-garanzija tal-baġit Komunitarju lill-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB) għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mir-riżorsi tiegħu stess f'diversi pajjiżi li mhumiex membri. Il-mandati korrenti ta' l-EIB, jiġifieri l-mandat ġenerali ta' self estern (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 200/24/KE, kif emendata) u l-mandat separat għall-proġetti fir-Russja, fl-Ukrajna, fil-Moldova u fil-Belarus (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE) se jiskadu fl-aħħar ta' Jannar 2007, b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur, f'każ li s-self mogħti mill-EIB ma laħaqx l-ammonti totali stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill rilevanti.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-mandat ġenerali ta' self estern ta' l-EIB jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-applikazzjoni tagħha sal-31 ta' Lulju 2006. Ir-rapport li jakkumpanja l-proposta leġiżlattiva (COM (2006) 323), li minn hawn 'il quddiem se jissewma "Rapport", jiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' l-attivitajiet imwettqa mill-EIB taħt il-mandati korrenti u jstabbilixxi l-perspettiva futura u l-orjentazzjonijiet ta' l-attivitajiet futuri ta' l-EIB. Żewġ Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, b'wieħed jirrevedi l-prospettiva reġjonali (SEC (2006) 790) u bl-ieħor jipprovdi valutazzjoni ddettaljata tal-mandat eżistenti (SEC (2006) 789) huma annessi għar-Rapport.

- **Il-kuntest ġenerali**

L-attivitajiet ta' l-EIB barra l-UE tradizzjonalment ammontaw għal madwar 10% ta' l-attivitajiet totali tiegħu (EUR 5.1 biljuni fl-2005, li minnhom EUR 3.7 biljuni taħt il-garanzija Komunitarja). Ir-reġjuni prinċipali ta' l-attività korrenti tiegħu huma l-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni u l-pajjiżi Mediterranji, għalkemm jidħol ukoll għal operazzjonijiet sostanzjali fl-Asja, fl-Amerika Latina u fl-Afrika t' Isfel, u qiegħed jespandi progressivament l-operazzjonijiet tiegħu fir-Russja u fl-Ukrajna. L-attivitajiet fil-pajjiżi ta' l-ACP jitwettqu taħt il-Ftehim ta' Cotonou bir-riżorsi tal-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp jew bir-riżorsi ta' l-EIB b'garanzija mill-Istati Membri.

Tradizzjonalment l-EIB jidħol għal operazzjonijiet barra mill-UE b'sostenn għall-politiki tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE bbażati fuq mandati formali mill-Kunsill; mandati suċċessivi tal-Kunsill wessgħu l-ambitu ġeografiku ta' l-attività ta' l-EIB. L-operazzjonijiet ta' finanzjament previsti f'Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' dan it-tip huma rikonoxxuti mill-pajjiżi li mhumiex msieħba fl-UE bħala sostenn viżibbli mill-UE. Barra minn hekk, il-garanzija Komunitarja ma tħallix li operazzjonijiet ta' dan it-tip, li ta' spiss ikollhom livell ferm oġġla ta' riskju mill-operazzjoniet ta' l-EIB fl-UE, jaffetwaw l-*standing* tal-kreditu tal-Bank, u tippermetti li l-EIB iżomm rati ta' self attraenti barra mill-UE.

It-tabella 1 tar-Rapport turi li l-firem tas-self kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2005 (jiġifieri madwar 85% tat-tul ta' żmien tal-mandati ta' self) jirrapreżentaw 87% tal-limitu massimu totali tas-self ta' EUR 20,660 miljun, imma hemm differenzi sinifikanti skond ir-reġjun. L-EIB qed jistenna li jiffirma l-bilanċ ta' l-ammonti disponibbli taħt il-limiti massimi reġjonali differenti fl-2006, barra taħt il-mandat tar-Russja, ta' l-

Ukrajna, tal-Moldova u tal-Belarus, fejn huwa mistenni li l-ewwel operazzjonijiet jiġu ffirmati fl-2006 u l-bqija fl-ewwel nofs ta' l-2007.

L-operazzjonijiet ta' l-EIB f'pajjiżi terzi jirrappreżentaw fattur kruċjali għall-fondi baġitarji limitati ta' l-UE biex jizjeddu l-effettività u l-viżibilità ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE. Filwaqt li l-għajnuna baġitarja esterna tal-Komunità hija ffokata fuq il-pajjiżi bi dħul aktar baxx u s-sostenn għas-setturi soċjali, l-operazzjonijiet ta' l-EIB huma ta' rilevanza partikolari f'pajjiżi ta' dħul medju u fis-setturi infrastrutturali, finanzjarji u kummerċjali.

Jekk jitqies li l-EIB oriġinarjament ġie stabbilit u strutturat finanzjarjament biex jopera fl-UE, il-mandati taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja jirrappreżentaw l-għodod prinċipali li jippermettu lill-EIB iwettaq operazzjonijiet barra l-UE, billi jipprovdu s-sostenn politiku u finanzjarju neċessarju mill-Komunità għal pajjiżi u għal proġetti li normalment ma jidħlux fil-linji ta' gwida u fil-kriterji standard ta' l-EIB.

### • **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Kif ġie nnotat aktar 'il fuq, bħalissa hemm żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill fis-seħħ (2000/24/KE, kif emendata, u 2005/48/KE) li jipprovdu garanzija Komunitarja lill-EIB għall-operazzjonijiet barra l-UE. Il-mandati eżistenti taħt il-garanzija Komunitarja jiskadu f'Jannar 2007 u din il-proposta għandha tistabbilixxi garanzija Komunitarja għall-perjodu 2007-2013.

Id-Deċiżjoni proposta għandha tkompli l-proviżjon ta' garanzija Komunitarja għas-self estern ta' l-EIB, filwaqt li tagħmel xi modifiki, kif ġej:

\* Bażi legali waħda li se tkopri r-reġjuni differenti kollha kif ukoll il-Mandat ta' Riserva li jissemma aktar 'l isfel. Il-kopertura ġenerali tal-garanzija ta' 65% se tiġi applikata għall-mandat sħiħ.

\* Introduzzjoni ta' analiżi ġeografika ġdida tal-limiti massimi biex jiġu riflessi l-proposti eżistenti għal politiki u strumenti ġodda għar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE.

\* Definizzjoni aktar ċara ta' l-għanijiet tal-politika ta' l-UE f'kull reġjun li għandha tinstab permezz ta' l-operazzjonijiet ta' l-EIB taħt il-mandat.

\* Introduzzjoni ta' Mandat ta' Riserva, mhux allokat lill-ebda reġjun waħdani, għall-attivazzjoni f'każijiet ta' diżastri naturali, rikostruzzjoni wara kunflitt jew żviluppi f'pajjiżi strateġikament importanti.

\* Kjarifikazzjoni tan-natura tal-garanzija Komunitarja b'mod li tkopri riskji ta' natura politika jew sovrana. Il-kopertura tal-garanzija għandha tiġi estiża għaż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet ta' finanzjament li jissemmew fl-Istatut ta' l-EIB, jiġifieri s-self u l-garanziji (taħt il-mandati korrenti s-self biss huwa kopert)

\* Rinforz tar-rekwiżiti li jirrelataw mal-konnessjoni bejn l-attivitajiet esterni ta' l-EIB u l-politiki ta' l-UE, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn il-Kummissjoni u l-EIB u rappurtaġġ mtejjeb.

\* Skond il-prattika stabbilita taħt il-mandat eżistenti għar-Russja, għall-Ukrajna, għall-Moldova u għall-Belarus, pajjiżi individwali magħżula għandhom isiru eliġibbli kif u

meta jissodisfaw kondizzjonalità xierqa li tkun konsistenti mal-ftehimiet ta' livell għoli ta' l-UE mal-pajjiż ikkonċernat dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi, kif iddeterminati mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni ma' l-EIB. L-operazzjonijiet ta' l-EIB se jitwettqu wara l-firma u r-ratifika tal-Ftehim ta' Qafas neċessarju bejn l-EIB u l-pajjiż ikkonċernat.

- **Il-konsistenza mal-politiki u ma' l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Kif ġie enfazzjat fir-Rapport, l-operazzjonijiet esterni ta' l-EIB, u speċjalment dawk li huma koperti mill-proposta korrenti, se jikkomplementaw l-attivitajiet li għandhom jitwettqu taħt l-istrumenti ta' għajnuma esterna, jiġifieri l-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika kif ukoll l-Istrument għall-Istabilità..

L-operazzjonijiet ta' l-EIB se jsostnu b'mod sħiħ l-azzjoni esterna ta' l-UE, kif ġie ddeterminat fid-dokumenti ta' politika differenti li jissemmew fl-att legali propost jew kif ġie stabbilit eventwalment f'dokumenti ta' politika futura ta' l-UE. Il-konnessjoni bejn l-attività esterna ta' l-EIB u l-politiki ta' l-UE se tissaħħaħ permezz tal-kooperazzjoni rrinforzata bejn il-Kummissjoni u l-EIB. Din se tibda b'assoċjazzjoni mtejba fil-proċess ta' l-ippjanar, speċjalment fil-kuntest tal-pjanijiet ta' azzjoni jew tad-dokumenti ta' qabel l-adeżjoni u tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż jew dik reġjonali, u matul l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti qrib is-sors. It-tiżi tal-kooperazzjoni b'dan il-mod se jgħin biex jiġi żgurat li l-karattru mmexxi mill-politika ta' l-istrumenti l-ġodda tal-KE jkun rifless bl-istess mod fl-implimentazzjoni tal-mandat.

Il-grad ta' din il-kooperazzjoni se jimxi 'l quddiem fuq bażi ddifferenzjata reġjonalment, billi titqies l-importanza ta' l-EIB fir-reġjun imma wkoll l-ambitu għal konnessjoni mal-politiki fi ħdan il-qafas ta' l-istrateġija ta' Qabel, l-Adeżjoni ta' l-istrateġija Ewropea tal-Viċinat u tas-Sħubija, ta' l-istrateġija tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippredvi konsultazzjoni bikrija mill-EIB fuq proġetti individwali. Operazzjoni ta' Finanzjament ta' l-EIB mhux se tkun inkluża fil-kopertura tal-garanzija Komunitarja f'każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar tali operazzjoni fi ħdan il-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 21 ta' l-Istatuti ta' l-EIB.

L-EIB għandu jħabrek biex itejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, bħall-EBRD jew il-Bank Dinji, u ma' istituzzjonijiet bilaterali Ewropej, fejn ikun rilevanti, fuq il-bażi ta' Memoranda ta' Ftehim li jkopru r-reġjuni differenti taħt il-mandat.

Fil-qafas tal-mandat il-ġdid, se jiġu stabbiliti proċeduri ta' rappurtaġġ mtejba biex jiġi żgurat li l-konsistenza mal-politiki esterna u ma' l-għanijiet ta' l-Unjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' l-IFIs l-oħra, ikunu mmonitorjati b'mod adegwat.

## 2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, s-setturi prinċipali immirati u l-profil ġenerali ta' min jirrispondi

Grupp ta' ħidma konġunt, li jinkludi r-rappreżentanti mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u ta' l-EIB, ħadem fuq il-preparazzjoni tal-proposta korrenti u fuq ir-Rapport li jakkumpanjaha.

Il-Kummissjoni u l-EIB ipprovdew l-EFC b'rapport ta' progress u b'informazzjoni supplementari li jipprovdu l-orjentazzjonijiet prinċipali tal-proposta korrenti. L-EFC, li jinkludi uffiċjali esperti anzjani fil-qasam ekonomiku u dak finanzjarju mill-Istati Membri kollha, iddiskuta din il-kwistjoni matul żewġ laqgħat suċċessivi fi Frar u f'Marzu 2006. B'riżultat ta' dan, l-EFC ipproduċa rapport li jipprovdi l-fehmiet inizjali ta' l-Istati Membri fuq l-orjentazzjonijiet prinċipali mressqa mill-Kummissjoni u mill-EIB.

Sommarju tar-riposti u kif tqiesu

Il-fehmiet ta' l-EIB huma riflessi b'mod sħiħ fil-proposta korrenti.

Ir-rapport ta' l-EFC li ssemma aktar 'il fuq jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar evalwazzjoni komprensiva tal-mandati eżistenti u deskrizzjoni aktar sħiħa ta' l-attività esterna ta' l-EIB fl-istampa globali ta' l-istrumenti esterni ta' l-UE, li tinkludi valutazzjoni tal-bżonnijiet tal-pajjiżi riċevanti, ir-rwol ta' l-IFIs l-oħra u l-vantaġġ komparattiv ta' l-EIB. Ir-rekwiżiti addizzjonali ta' l-informazzjoni ġew indirizzati fir-Rapport u fid-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff anness.

Ir-rapport ta' l-EFC jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet ġenerali, inklużi a) il-bżonn li tiġi żgurata kooperazzjoni tajba bejn l-EIB u d-donaturi jew is-selliefa l-oħra bħall-IFIs (b'mod partikolari l-EBRD) u aġenziji bilaterali oħra; b) il-bżonn li tiġi kkjarifikata n-natura tar-riskji koperti mill-garanzija Komunitarja; c) il-bżonn li jsiru proposti konkreti għal użu iktar koerenti ta' l-operazzjonijiet ta' l-EIB u ta' l-għotjiet Komunitarji u li jiġu kkjarifikati l-arranġamenti ta' ħidma neċessarji; d) l-involviment tal-Kunsill fil-governanza tal-Mandat ta' Riserva; e) il-bżonn għal reviżjoni ta' nofs it-term li tkun ibbażata fuq evalwazzjoni indipendenti. Ir-rakkomandazzjonijiet t'aktar 'il fuq tqiesu fl-att legali propost. Il-punt c) li ssemma aktar 'il fuq jista' jiġi indirizzat biss fil-qafas tal-bażijiet legali xierqa.

• **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza**

L-oqsma xjentifiċi/ta' kompetenza kkonċernati

Il-kompetenza finanzjarja u ekonomika.

Il-metodoloġija użata

Mhux applikabbli.

L-organizzazzjonijiet/esperti prinċipali kkonsultati

L-EIB.

### Sommarju tal-parir li ngħata u li ntuzà

Il-fehmiet ta' l-EIB huma riflessi fil-proposta korrenti u fir-Rapport li jakkumpanjaha.

### Il-mezzi użati biex il-parir espert isir pubblikament disponibbli

Mhux applikabbli.

#### • **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-pajjiżi terzi li se jkunu koperti minn operazzjonijiet ta' l-EIB taħt il-garanzija Komunitarja ġeneralment għandhom profil ta' riskju akbar minn pajjiżi ta' l-UE, prinċipalment minħabba l-instabbiltà makro-ekonomika, finanzjarja u/jew politika, kif riflessa fir-rati tal-kreditu esterni ta' pajjiżi ta' dan it-tip. L-EIB jopera fuq prinċipji bankarji sodi u l-Istatut tiegħu huwa restrittiv f'termini tar-riskji li jista' jieħu. Għalhekk, mingħajr garanzija mill-Komunità li tkopri riskji politiċi u sovrani, l-EIB normalment jista' jassumi r-riskji rilevanti f'pajjiżi ta' grad ta' investiment biss.

Garanzija Komunitarja għal proġetti barra l-UE tipprovdi lill-EIB bis-sigurtà meħtieġa biex tippermettilu jiffinanzja proġetti li jikkontribwixxu għall-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità mingħajr ma tiġi affetwata r-rata ta' kreditu AAA ta' l-EIB.

Għażla alternattiva li ġiet eżaminata kienet li ma tiġix ipprovduta garanzija Komunitarja. Madanakollu, dan kien se jwassal għal nuqqas ta' dħul fl-EIB jew l-irtirar minnu minn numru ta' pajjiżi u żjieda fl-ispejjeż tal-finanzjament għal proġetti li jinsabu f'pajjiżi oħra. Dan kien meqjus bħala politikament mhux mixtieq, meta jitqies il-bżonn li jkun hemm intervent bilanċjat ta' l-UE fid-diversi pajjiżi fir-reġjuni differenti. Barra minn hekk, iż-żjieda fl-ispejjeż tal-finanzjament għall-promoturi tal-proġetti f'pajjiżi aċċettabbli kienet se tagħmel l-operazzjonijiet ta' l-EIB inqas attraenti, biex b'hekk tnaqqas is-saħħa ta' l-EIB li timponi kondizzjonijiet tal-politika ta' l-UE (eż. akkwist, ambjent, eċċ). L-istess raġunament għandu japplika wkoll jekk il-Komunità kellha tiċċarġja l-garanzija lill-EIB, għaliex dan ukoll fl-aħħarnett għandu jżid l-ispiża għall-promoturi.

Il-proposta korrenti tistabbilixxi bilanċ proporzjonat bejn il-bżonn li l-EIB jithallielu l-libertà operattiva biex isegwi attivitajiet ta' finanzjament skond il-modalitajiet tiegħu, filwaqt li jiġu sostnuti l-politiki ta' relazzjonijiet esterni ta' l-UE, u biex jiġi żgurat li l-garanzija Komunitarja tkun limitata, kemm f'termini ta' espożizzjoni għar-riskju u kemm fin-natura tal-proġetti li se tkopri. Barra minn hekk, l-involviment tal-Kummissjoni bħala responsabbli għall-garanzija Komunitarja jiżgura sostenn politiku b'saħħtu għall-finanzjament ipprovdut mill-EIB. Effett prinċipali ta' sostenn ta' dan it-tip huwa li tiżdied b'mod sinifikanti l-probabbiltà ta' rkupru ta' ammonti mhux imħallsa minħabba l-pressjoni konġunta eżerċitata mill-EIB u mill-Kummissjoni fuq min jissellef u ma jħallasx. Dan jidher mill-fatt li l-uniċi każijiet fejn l-EIB irrikorra għall-garanzija fil-passat (l-ex-Jugoslavja u l-Arġentina) eventwalment kienu mħallsa lura.

### **3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

#### • **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Il-Kummissjoni qed tipproponi bażi legali waħda li tkopri r-reġjuni differenti taħt il-mandat. Il-perjodu kopert mill-mandat futur se jikkoinċidi mal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 li jmiss. L-azzjoni se tipprovdi garanzija lill-EIB għall-operazzjonijiet barra l-UE, sa ċerti limiti massimi stabbiliti fil-proposta. Fl-2010 se titwettaq reviżjoni ta' nofs it-term tal-mandat , li se tippermetti, fejn ikun neċessarju, l-iffokar mill-ġdid tal-prijoritajiet stabbiliti fil-bażi legali.

- **Il-bażi legali**

Il-proposta leġiżlattiva se tkun ibbażata fuq l-Artikolu 181a li jipprovdi kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika mal-pajjiżi terzi. Din il-bażi legali diġà ntużat għar-reviżjoni tal-mandat ġenerali tas-self (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE) u għall-mandat il-ġdid tar-Russja, ta' l-Ukrajna, tal-Moldova u tal-Belarus (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE).

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-operazzjonijiet ta' finanzjament ta' l-EIB se jkomplu jiġu ġestiti skond ir-regoli u l-proċeduri ta' l-EIB stess.

Il-garanzija Komunitarja wriet li hija mezz effiċjenti u mhux għoli biex jiġu koperti r-riskji politiċi u sovrani relatati ma' l-operazzjonijiet esterni ta' l-EIB. Sa mill-1994, ġie stabbilit Fond ta' Garanzija Komunitarja għall-Azzjoni Esterna biex jipprovdi riserva ta' likwidità għall-baġit Komunitarju kontra nuqqasijiet ta' ħlas fuq operazzjonijiet iggarantiti. It-tiġdid ta' garanzija Komunitarja se tippermetti li l-prattika eżistenti effiċjenti u ekonomikament b'saħħitha tkompli.

Il-Kummissjoni u l-EIB se jiffirmaw ftehim dwar id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri biex tingħata garanzija Komunitarja. Sabiex jiġu ssemplifikati l-preparazzjoni u l-valutazzjoni tal-proġetti, l-EIB se ttejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' l-IFIs l-oħra u ma' l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej fejn ikun rilevanti.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

L-istrumenti proposti: oħra.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni li ġejja.

Hija meħtieġa Deċiżjoni tal-Kunsill biex tkun stabbilita garanzija fuq il-livell Komunitarju.

#### **4) L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-prospett finanzjarju inkluż fil-proposta leġiżlattiva tiġbor fil-qosor l-implikazzjonijiet baġitarji rilevanti. Dawn l-implikazzjonijiet ġejjin mill-bżonn li jitwarrbu dispożizzjonijiet għall-garanzija Komunitarja fil-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 li jmiss.



## 5) L-INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Klawżola ta' eżami/reviżjoni/ta' tmiem awtomatiku wara l-għeluq tal-perjodu ffissat**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' eżami.

Il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

Il-proposta tinkludi klawżola ta' tmiem awtomatiku wara l-għeluq tal-perjodu ffissat.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

L-Artikolu 1 isemmi li l-garanzija Komunitarja se tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament ta' l-EIB sa ammont globali ta' EUR 33 biljuni, inkluża riserva ta' EUR 1.5 biljun, matul il-perjodu 2007-2013. Il-garanzija għandha tkun ristretta għal 65% ta' l-ammont aggregat ta' l-operazzjonijiet ta' finanzjament flimkien ma' somom relatati. Il-limitu massimu ġenerali għandu jinqasam skond ir-reġjun bil-limiti massimi reġjonali li jorbtu li ġejjin:

A) Il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni: EUR 9 biljuni.

B) Il-pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija: EUR 15-il biljun. Dan jinqasam f'żewġ sotto-limiti massimi indikattivi, jiġifieri l-pajjiżi Mediterranji: EUR 10 biljuni, u l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja: EUR 5 biljuni.

C) Il-pajjiżi tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika: EUR 7.5 biljuni, maqsuma fi tliet sotto-limiti massimi indikattivi, jiġifieri l-Amerika Latina: EUR 4 biljuni, l-Asja: EUR 2 biljuni, u r-Repubblika ta' l-Afrika t' Isfel: EUR 1.5 biljun.

D) Il-Mandat ta' Riserva: EUR 1.5 biljuni.

L-Artikolu 2 jittratta l-lista ta' pajjiżi kkonċernati mill-att legali u l-eliġibilità tagħhom.

L-Artikolu 3 jispeċifika li l-Mandat ta' Riserva mhuwiex allokati lill-ebda reġjun wieħed u se jkun attivati f'każijiet ta' diżastri naturali, rikostruzzjoni wara kunflitti jew żviluppi f'pajjiżi strateġikament importanti. L-attivazzjoni se tkun deċiża b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-EIB, wara konsultazzjoni ma' l-EFC. Il-Parlament Ewropew se jkun informat bl-attivazzjoni tal-Mandat ta' Riserva.

L-Artikolu 4 jagħti d-dettalji dwar ir-rekwiżiti li jirrelataw mal-konnessjoni bejn l-attivitajiet esterni ta' l-EIB u l-politika ta' l-UE, permezz ta' kooperazzjoni rrinforzata bejn il-Kummissjoni u l-EIB u rappurtaġġ mtejjeb. Barra minn hekk, l-Operazzjoni ta' Finanzjament ta' l-EIB mhux se tkun inkluża taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja f'każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar operazzjoni ta' dan it-tip fi ħdan il-qafas tal-proċedura provduta fl-Artikolu 21 ta' l-Istatuti ta' l-EIB.

L-Artikolu 5 jagħti d-dettalji tal-modalitajiet tal-kooperazzjoni mtejba ma' l-IFIs l-oħra.

L-Artikolu 6 jikkjarifika n-natura tal-garanzija Komunitarja li se tkopri r-riskji ta' natura politika jew ta' natura sovrana għall-operazzjonijiet ta' finanzjament li daħal għalihom l-EIB.

L-Artikolu 7 jinkludi rekwiżiti mtejba ta' rappurtaġġ u informazzjoni ta' kontabilità kemm għall-EIB kif ukoll għall-Kummissjoni.

L-Artikolu 8 jispeċifika r-responsabbiltà ta' l-EIB li jsegwi talbiet għall-irkupru possibbli f'isem il-Kummissjoni.

L-Artikolu 9 isemmi li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri ddettaljati li jirrelataw mal-garanzija Komunitarja għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni u l-EIB.

L-Artikolu 10 isemmi li r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-mandat għandha titwettaq fl-2010 mill-Kummissjoni fuq il-bażi, *inter alia*, ta' rapport ta' attività mill-EIB kif ukoll ta' evalwazzjoni ppreparata mid-dipartiment ta' l-evalwazzjoni indipendenti ta' l-EIB.

It-taqsimha tal-‘premessi’ tinkludi, fost l-oħrajn, l-isfond politiku għall-proposta u l-ambitu ddettaljat ta' l-operazzjonijiet ta' l-EIB fir-reġjuni differenti.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investment kontra telf minn self u garanziji għall-proġetti barra mill-Komunità.**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 181a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) Sa mill-1963, il-Bank Ewropew ta' l-Investment (minn hawn 'il quddiem se jissemma l-“EIB”) daħal għal operazzjonijiet barra l-Komunità (minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ l-“UE”) b' sostenn għal-politiki esterni tal-Komunità;
- (2) Il-parti l-kbira minn dawk l-operazzjonijiet twettqu fuq it-talba tal-Kunsill u bbenefikaw minn garanzija baġitarja tal-Komunità li ġiet amministrata mill-Kummissjoni. B' mod mill-iktar reċenti, il-garanzija Komunitarja ġiet stabbilita għall-perjodu 2000-2007 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerika Latina u l-Asja u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel)<sup>3</sup> u permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/777/KE<sup>4</sup> u 2005/48/KE<sup>5</sup> għal azzjonijiet ta' self speċifiċi.
- (3) Bil-ħsieb li jsostni l-azzjoni esterna ta' l-UE mingħajr ma jaffetwa l-*standing* tal-kreditu ta' l-EIB, l-EIB għandu jkun offrut garanzija Komunitarja baġitarja għall-operazzjonijiet imwettqa barra mill-Komunità. L-EIB għandu jkun inkoraġġut biex iżid l-operazzjonijiet tiegħu barra l-Komunità mingħajr ma jirrikorri għall-garanzija Komunitarja, b' mod partikolari fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni u fil-pajjiżi Mediterranji kif ukoll f'pajjiżi ta' grad ta' investment f'reġjuni oħra, filwaqt li n-natura tal-

---

<sup>1</sup> ĠU C ,p.

<sup>2</sup> ĠU C , p.

<sup>3</sup> ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24, id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/174/KE (ĠU L 62, 3.3.2006, p. 26).

<sup>4</sup> ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41.

<sup>5</sup> ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11.

kopertura tal-garanzija Komunitarja għandha tkun iċċarata bħala li tkopri riskji ta' natura politika jew sovrana.

- (4) Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri telf minn self jew garanziji ta' self għall-proġetti ta' investimenti eliġibbli ta' l-EIB li twettqu f'pajjiżi koperti mill-Istrument għall-Għajjuna ta' Qabel l-Adeżjoni<sup>6</sup> (minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ l-“IPA”), l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija<sup>7</sup> (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ l-“ENPI”) u l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika<sup>8</sup> (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ id-“DCECT”), fejn l-imsemmi finanzjament jew garanzija ta' self ingħata skond ftehim iffirmat li la skada u lanqas ġie kkanċellat (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ “Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB”).
- (5) Il-politiki tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE ġew riveduti u mwessa' fl-aħħar snin. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni kif stabbilita fid-Dokument ta' l-Istrateġija tat-Tkabbir ta' l-2005 tal-Kummissjoni<sup>9</sup> għall-Politika tal-Viċinat Ewropew, kif stabbilita fid-Dokument ta' Strateġija tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2004<sup>10</sup>, u għas-sħubijiet imġedda ma' l-Amerika Latina<sup>11</sup> u max-Xlokk ta' l-Asja<sup>12</sup> u għas-Sħubija Strateġika ta' l-UE mar-Russja, maċ-Ċina u ma' l-Indja.
- (6) Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE se jkunu sostnuti wkoll mill-istrumenti finanzjarji ġodda, jiġifieri, l-IPA, l-ENPI, id-DCECI u l-Istrument għall-Istabilità<sup>13</sup>.
- (7) L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għandhom ikunu konsistenti mal-politiki esterni ta' l-UE inklużi l-għanijiet reġjonali speċifiċi u għandhom jappoġġjawhom. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għandhom isiru f'pajjiżi li jikkonformaw ma' kondizzjonijiet xierqa li huma konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli ta' l-UE dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi.
- (8) Il-konnessjoni bejn l-attivitajiet ta' l-EIB barra mill-Komunità u l-politiki ta' l-UE għandha tissaħħaħ permezz ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-EIB u l-Kummissjoni fuq livell ċentrali kif ukoll fuq livell lokali. Koordinazzjoni msaħħa ta' dan it-tip għandha tinkludi, *inter alia*, konsultazzjoni reċiproka bikrija fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika, preparazzjoni ta' dokumenti ta' importanza reċiproka u l-pjanijiet għall-proġetti. Se tkun ta' importanza partikolari l-konsultazzjoni bikrija dwar id-dokumenti ta' programmazzjoni strateġika ppreparati mill-Kummissjoni jew mill-EIB, biex s-sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' l-EIB u tal-Kummissjoni jilhqqu il-massimu tagħhom u jitkejjel il-progress li jsir biex ikunu sodisfatti l-għanijiet tal-politiki rilevanti ta' l-UE
- (9) Fir-rigward tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-finanzjament ta' l-EIB f'dawk il-pajjiżi għandu jirrifletti l-prijoritajiet li ġew stabbiliti fis-Sħubijiet ta' l-Adeżjoni u dawk Ewropej, fil-ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fin-negozjati ma' l-UE.

---

<sup>6</sup> COM(2004) 627 finali.

<sup>7</sup> COM(2004) 628 finali.

<sup>8</sup> COM(2004) 629 finali.

<sup>9</sup> COM(2004) 561 finali.

<sup>10</sup> COM(2004) 373 finali.

<sup>11</sup> COM(2005) 636 finali.

<sup>12</sup> COM(2003) 399 finali.

<sup>13</sup> COM(2004) 630 finali.

L-attenzjoni ffokata fuq l-azzjoni ta' l-UE fil-Balkani tal-Punent għandha tkompli taqleb progressivament minn sostenn għal rikostruzzjoni għal sostenn ta' qabel l-adeżjoni. F'dan il-kuntest, l-attività ta' l-EIB għandha tfittex ukoll li tinkoraġġixxi l-aspett tal-bini ta' l-istituzzjonijiet, fejn ikun rilevanti, f'kooperazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali l-oħra ("IFIs") li huma attivi fir-reġjun. Matul il-perjodu 2007-2013, il-finanzjament lill-pajjiżi kandidati (il-Kroazja, it-Turkija u l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja) għandu jsir dejjem aktar taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni li saret disponibbli mill-EIB, li għandha tiġi estiża maż-żmien biex tkopri l-pajjiżi kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent skond il-progress tal-proċess ta' adeżjoni tagħhom,

- (10) Rigward il-pajjiżi koperti mill-ENPI, l-EIB għandu jkompli u jikkonsolida l-attivitajiet tiegħu fir-reġjun tal-Mediterran bl-attenzjoni tiegħu ffokata fuq l-iżvilupp tas-settur privat. Fir-rigward ta' l-Ewropa tal-Lvant, tal-Kawkasu t'Isfel u tar-Russja, l-EIB għandu jtejjeb l-attivitajiet tiegħu fir-Russja u fl-Ukrajna u jipprepara biex jidħol f'pajjiżi oħra fir-reġjun hekk kif jissodisfaw il-kondizzjonalità xierqa li hija konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli ta' l-UE mal-pajjiż ikkonċernat dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi. F'dan ir-reġjun, l-EIB għandu jiffinanzja proġetti ta' interess sinifikanti għall-UE fl-infrastruttura tat-trasport, ta' l-enerġija, tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni u ta' l-ambjent. Għandha tingħata prijorità lil proġetti fuq l-assi ewlenin estiżi tan-Netzwerk Trans Ewropew, proġetti b'implikazzjonijiet transkonfinali għal Stat Membru wieħed jew aktar u proġetti prinċipali li jiffavorixxu l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' konnettività akbar. Fis-settur ambjentali fir-Russja, l-EIB għandu jagħti prijorità partikolari lill-proġetti fi ħdan il-qafas tas-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Fis-settur ta' l-enerġija, proġetti strateġiċi għall-provvista ta' l-enerġija u għat-trasport ta' l-enerġija huma ta' importanza partikolari. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament l-EIB f'dan ir-reġjun għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("l-EBRD"), b'mod partikolari skond it-termini li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim bejn tliet partijiet bejn il-Kummissjoni, l-EIB u l-EBRD,
- (11) Rigward il-pajjiżi koperti mid-DCECI, il-finanzjament ta' l-EIB fil-pajjiżi Asjatiċi u ta' l-Amerika Latina se jkun progressivament allinjat ma' l-istrateġija ta' kooperazzjoni ta' l-UE f'dawk ir-reġjuni u se jkun komplementari għall-istrumenti ffinanzjati minn riżorsi baġitarji tal-Komunità. Il-kunċett ta' "interess reċiproku", s'issa limitat fil-prattika għall-finanzjament ta' proġetti li jinvolvu kumpaniji ta' l-UE, se jitwessa' biex iqis il-promozzjoni ta' sostenibbiltà ambjentali u integrazzjoni reġjonali (bħal proġetti ta' trasport, telecom u ta' enerġija li jiffavorixxu l-interkonnettività). L-EIB għandu jagħmel ħiltu biex jespandi progressivament l-attivitajiet tiegħu fuq numru akbar ta' pajjiżi f'dawk ir-reġjuni, inkluż fil-pajjiżi l-inqas prosperi. Fl-Asja Ċentrali, l-EIB għandu jiffoka fuq il-proġetti l-kbar tal-provvista ta' l-enerġija u tat-trasport ta' l-enerġija b'implikazzjonijiet transkonfinali. Il-finanzjament ta' l-EIB fl-Asja Ċentrali għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-EBRD, b'mod partikolari skond it-termini li għandhom ikunu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim bejn tliet partijiet bejn il-Kummissjoni, l-EIB u l-EBRD. Biex titkabbar il-viżibilità ta' l-intervent ta' l-UE fl-Amerika Latina, għandu jiġi identifikat ammont speċifiku għall-faċilità ta' l-Amerika Latina,
- (12) Biex ikunu kkomplementati l-attivitajiet ta' l-EIB taħt il-Ftehim ta' Cotonou għall-pajjiżi ta' l-ACP, għandha tiġi mġedda faċilità separata għall-Afrika t'Isfel, fejn se tiffoka fuq proġetti infrastrutturali ta' interess pubbliku (inklużi infrastruttura

muniċipali, provvista ta' l-enerġija u ta' l-ilma) u fuq is-sostenn tas-settur privat, inklużi l-SMEs. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni ekonomika taħt il-Ftehim ta' Kooperazzjoni Kummerċjali u għall-Iżvilupp bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel se tippromwovi aktar l-attivitatijiet ta' l-EIB f'dan ir-reġjun,

- (13) Huwa importanti li l-finanzjament ta' l-EIB jiġi kkombinat mar-riżorsi baġitarji ta' l-UE fil-forma ta' sostenn għall-għotjiet, ta' kapital ta' riskju u ta' sussidju għar-rati ta' l-imgħax flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni, għall-implimentazzjoni jew għat-titjib tal-proġetti tal-qafas legali u regolatorju, permezz ta' l-IPA, l-ENPI, l-Istrument għall-Istabilità u, għall-Afrika ta' Isfel, id-DCECI.
- (14) Fl-imgħoddi kien hemm każijiet ta' diżastri naturali jew ta' rikostruzzjoni wara kunflitt fejn l-EIB intalab ikollu rwol sinifikanti u mhux previst. Biex jiġi żgurat li żviluppi ta' dan it-tip ma jpoġġux piż fuq il-limiti massimi reġjonali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għandu jkun stabbilit "Mandat ta' Riserva". Il-Mandat ta' Riserva m'għandux ikun attribwit speċifikament lill-ebda reġjun wieħed, imma għandu jkun disponibbli għall-użu – fejn ikun xieraq flimkien mar-riżorsi baġitarji ta' l-UE – f'każijiet ta' diżastri naturali, rikostruzzjoni wara kunflitt jew żviluppi f'pajjiżi strateġikament importanti. Sabiex ikun possibbli għall-EIB li jieħu azzjoni urġenti biex jgħin ħalli jiġu stabbiliti mill-ġdid jew jiġu salvagwardjati l-kundizzjonijiet normali, għandhom jiġu adottati miżuri għall-attivazzjoni tal-Mandat ta' Riserva billi tintuża l-proċedura konsultattiva pprovduta fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>14</sup>,
- (15) L-EIB diġà jikkopera mill-qrib ma' l-IFIs u ma' l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej. Din il-kooperazzjoni hija ggwidata minn Memoranda ta' Ftehim speċifiċi għar-reġjuni. Fl-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tiegħu barra l-UE li fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, l-EIB għandu jagħmel ħiltu biex itejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' l-IFIs u ma' l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej fejn ikun rilevanti,
- (16) Ir-rappurtaġġ mill-EIB u mill-Kummissjoni dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għandu jissaħħa. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li tasal mingħand l-EIB, il-Kummissjoni għandha tirrapporta, fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB imwettqa taħt din id-Deċiżjoni fuq bażi annwali,
- (17) Il-garanzija Komunitarja stabbilita permezz ta' din id-Deċiżjoni għandha tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB iffirmati matul perjodu ta' seba' snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2007. Sabiex ikunu kapaċi jwieżnu l-iżviluppi matul l-ewwel nofs ta' dak il-perjodu, l-EIB u l-Kummissjoni għandhom jippreparaw reviżjoni ta' nofs it-term tad-Deċiżjoni,
- (18) L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għandhom ikompli jiġu ġestiti skond ir-regoli u l-proċeduri tal-Bank stess, inklużi l-miżuri ta' kontroll xierqa, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw il-Qorti ta' l-Awdituri u l-OLAF,

---

<sup>14</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

- (19) Il-Fond ta' Garanzija għal Azzjoni Esterna (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-“Fond ta' Garanzija”), li ġie stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994<sup>15</sup>, għandu jkompli jipprovdi riserva ta' likwidità għall-baġit Komunitarju kontra t-telf fuq Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB. F'April 2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill bil-ħsieb li tibdel is-sistema ta' proviżjon għall-Fond ta' Garanzija sabiex tiġi żgurata sistema aktar trasparenti u effiċjenti<sup>16</sup>. [*għandha tiġi aġġornata fil-każ ta' adozzjoni mill-Kunsill*],
- (20) L-EIB għandu jipprepara, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programmazzjoni multi-annwali indikattiva tal-firera ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija.

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

#### *Il-Garanzija u l-Limiti Massimi*

1. Il-Komunità għandha tagħti lill-Bank Ewropew ta' l-Investment (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "l-EIB") garanzija globali (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ “garanzija Komunitarja”) fir-rigward ta' ħlasijiet li ma waslux għand l-EIB imma li huma dovuti lilu, fir-rigward ta' self u ta' garanziji ta' self għal proġetti eliġibbli ta' investment ta' l-EIB imwettqa fil-pajjiżi koperti minn din id-Deċiżjoni, fejn il-finanzjament jew il-garanzija tas-self imsemmi ngħata skond ftehim iffirmit li la skada u lanqas ma ġie mħassar (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ l-“Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB”) u ngħata skond ir-regoli u l-proċeduri ta' l-EIB stess u b'sostenn għall-għanijiet rilevanti tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-garanzija Komunitarja għandha tiġi ristretta għal 65% ta' l-ammont aggregat tal-krediti maħruġa u l-garanziji pprovdu taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB, bl-ammonti rimborsati mnaqqsa, flimkien mas-somom relatati kollha.

3. Il-limitu massimu ġenerali ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB, bl-ammonti mħassra mnaqqsa, għandu jkun ekwivalenti għal EUR 33 000 miljun. Għandu jinqasam skond ir-reġjun bil-limiti massimi reġjonali li jorbtu li ġejjin:

(a) *Il-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni:*

EUR 9 000 miljun

(b) *Il-pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija:*

EUR 15 000 miljun,

maqsuma fis-sotto-limiti massimi indikattivi li ġejjin:

(i) *Il-pajjiżi Mediterranji:*

EUR 10 000 miljun

<sup>15</sup> ĠU L 293, 12.11.1994, p.1, ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28).

<sup>16</sup> COM(2005) 130 finali.

- (ii) L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t' Isfel u r-Russja:  
EUR 5 000 miljun
- (c) *Il-pajjiżi tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika:*  
EUR 7 500 miljun,  
maqsuma fis-sotto-limiti massimi indikattivi li ġejjin:
  - (i) L-Amerika Latina:  
EUR 4 000 miljun
  - (ii) L-Asja:  
EUR 2 000 miljun
  - (iii) Ir-Repubblika ta' l-Afrika t' Isfel:  
EUR 1 500 miljun
- (d) *Il-Mandat ta' Riserva:*  
EUR 1 500 miljun.

4. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB iffirmati matul il-perjodu ta' seba' snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2007 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013.

5. Jekk, ma' l-iskadenza tal-perjodu li jissemma fil-paragrafu 4, l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB ma jkunux kisbu l-ammonti totali li jissemmew fil-paragrafu 3, dak il-perjodu għandu awtomatikament jiġi estiż b'sitt xhur.

## *Artikolu 2*

### *Il-pajjiżi koperti*

1. Il-pajjiżi koperti mill-Artikolu 1 u l-attribuzzjoni tagħhom għar-reġjuni huma stabbiliti fl-Anness.
2. Il-pajjiżi individwali għandhom isiru eliġibbli taħt il-limiti massimi u sotto-limiti massimi reġjonali kif u meta jissodisfaw kondizzjonalità xierqa li hija konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli ta' l-UE mal-pajjiż ikkonċernat dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni ma' l-EIB, għandha tiddetermina meta pajjiż individwali ssodisfa l-kondizzjonalità xierqa u għandha tinnotifika lill-EIB b'dan.
3. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri biss l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB imwettqa f'pajjiżi li kkonkludew ftehim ta' qafas ma' l-EIB fejn ġew stabbiliti l-kondizzjonijiet legali taħt liema Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB ta' dan it-tip se jitwettqu.
4. Fil-każ ta' tħassib serju minħabba s-sitwazzjoni politika jew ekonomika f'pajjiż speċifiku, il-Kummissjoni u l-EIB jistgħu jiddeċiedu li jissospendu l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB f'pajjiż ta' dan it-tip.



5. Il-garanzija Komunitarja m'għandhiex tkopri l-Operazzjoni ta' Finanzjament ta' l-EIB f'pajjiż speċifiku, meta l-ftehim li jikkonċerna Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB ta' dan it-tip kien iffirmit wara l-adeżjoni ta' dak il-pajjiż għall-UE.

### *Arikolu 3*

#### *Il-Mandat ta' Riserva*

1. Għandu jiġi stabbilit Mandat ta' Riserva biex jintuża f'każijiet fejn l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB jistgħu jgħinu fil-finanzjament tar-rikostruzzjoni ta' l-infrastruttura kif ukoll tal-bini u tat-tagħmir tas-settur kummerċjali u soċjali li saritlu ħsara jew inqered minn diżastri naturali jew ta' rikostruzzjoni wara kunflitt jew li se jintużaw fil-każ ta' żviluppi f'pajjiżi strateġikament importanti.

2. Il-Kummissjoni u l-EIB għandhom jiddeċiedu b'mod konġunt dwar l-użu tal-Mandat ta' Riserva. Il-Kummissjoni u l-EIB għandhom jiġu mgħejjuna mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju li ġie stabbilit permezz ta' l-Artikolu 114(2) tat-Trattat.

3. Għandha tapplika l-proċedura konsultattiva li ġiet stabbilita fl-Artikolu 3 ta' Deċiżjoni 1999/468/KE, f'konformità ma' l-Artikolu 7 tagħha.

### *Artikolu 4*

#### *Il-konsistenza mal-politiki ta' l-Unjoni Ewropea*

1. Il-konsistenza ta' l-azzjonijiet esterni ta' l-EIB mal-politiki u ma' l-għanijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu msaħħa bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji tas-self ta' l-EIB u r-riżorsi baġitarji ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment permezz ta' djalogu regolari u konsultazzjoni bikrija dwar:

(a) dokumenti strateġiċi ppreparati mill-Kummissjoni, bħal dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż jew dik reġjonali, pjanijiet ta' azzjoni u dokumenti ta' qabel l-adeżjoni;

(b) id-dokumenti ta' ppjanar strateġiku u l-pjanijiet għall-proġetti ta' l-EIB;

(c) aspetti ta' politika u aspetti operattivi oħra.

2. Il-kooperazzjoni għandha titwettaq fuq bażi reġjonalment iddifferenzjata, fejn jitqiesu r-rwol ta' l-EIB kif ukoll il-politiki ta' l-Unjoni Ewropea f'kull reġjun.

3. Operazzjoni ta' Finanzjament ta' l-EIB mhux se tkun inkluża taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja f'każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar operazzjoni ta' dan it-tip fi ħdan il-qafas tal-proċedura fl-Artikolu 21 ta' l-Istatuti ta' l-EIB.

4. Il-konsistenza ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB mal-politiki u ma' l-għanijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun immonitorjata skond l-Artikolu 7.

### *Artikolu 5*

#### *Il-kooperazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali*

1. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għandhom jitwettqu, fejn ikun xieraq, f'kooperazzjoni bejn u/jew permezz ta' kofinanzjament mill-EIB u mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) jew l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej l-oħra sabiex jiġi żgurat qsim raġonevoli tar-riskji u kondizzjonalità tal-proġett u tas-settur koerenti.

2. Din il-kooperazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinazzjoni mwettqa speċjalment fil-kuntest ta' Memoranda ta' Ftehim, fejn ikun xieraq, bejn il-Kummissjoni, l-EIB u l-IFIs u l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej prinċipali li joperaw fir-reġjuni differenti.

## Artikolu 6

### *Il-kopertura u t-termini tal-Garanzija Komunitarja*

1. Għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB li wieħed jidħol għalihom ma' Stat jew li huma ggarantiti minn Stat, u għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB l-oħra li wieħed jidħol għalihom ma' l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew ma' intrapriżi jew istituzzjonijiet pubbliċi tal-gvern u/jew ikkontrollati mill-gvern, fejn Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB oħra ta' dan it-tip għandhom valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu ta' l-EIB xierqa meta titqies is-sitwazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-pajjiż ikkonċernat, il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jaslux għand il-Bank imma li huma dovuti lilu (li minn hawn 'il quddiem se jissejħu l-“Garanzija Komprensiva”).

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 (4), il-kunċett ta' Stat jinkludi x-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, kif irrappreżentati mill-Awtorità Palestinjana, u l-Kosovo, kif irrappreżentat mill-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-NU.

2. Għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għajr dawk indikati fil-paragrafu 1, il-garanzija Komunitarja għandha tkopri il-ħlasijiet kollha li ma jaslux għand il-Bank imma li huma dovuti lilu fejn in-nuqqas ta' ħlas ġie kkawżat mir-realizzazzjoni ta' wieħed mir-riskji politiċi li ġejjin (il-“Garanzija tar-Riskju Politiku”):

- (a) nuqqas ta' trasferiment tal-munita;
- (b) esproprijazzjoni;
- (c) gwerra jew irvellijiet ċivili;
- (d) ġustizzja mċaħħda fuq ksur ta' kuntratt.

## Artikolu 7

### *Ir-rappurtaġġ u l-kontabilità*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB imwettqa skond din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB sabiex ikunu sodisfatti l-għanijiet tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea, meta jitqiesu l-għanijiet operattivi ta' l-EIB.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-EIB għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB imwettqa taħt din id-Deċiżjoni u tas-sodisfazzjon ta' l-għanijiet tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea, inkluża l-kooperazzjoni ma' l-IFIs l-oħra.

3. L-EIB għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'data statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull waħda mill-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB skond kif ikun neċessarju biex jiġu sodisfatti d-dmirijiet ta' rappurtaġġ tagħha jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB li jkunu għadhom pendenti.

4. Għall-iskopijiet tal-kontabilità u tar-rappurtaġġ tal-Kummissjoni tar-riskji koperti mill-Garanzija Komprensiva, l-EIB għandha ttiprovdi lill-Kummissjoni b'valutazzjoni tar-riskju u b'informazzjoni dwar gradazzjoni ta' l-EIB li jikkonċernaw l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB ma' min jissellef jew ma' persuni obbligati b'garanzija għajr għall-Istati.

5. L-EIB għandu jipprovdi l-informazzjoni li ssemmiet fil-paragrafi 2,3 u 4 bi spejjeż tiegħu.

#### *Artikolu 8*

##### *L-irkupru tal-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni*

1. Jekk il-Kummissjoni tagħmel kwalunkwe ħlas taħt il-garanzija Komunitarja, l-EIB, f'isem u fl-interess tal-Kummissjoni, għandu jsegwi l-irkupru tal-klejms għall-ammonti mħallsa.

2. L-EIB u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri ddettaljati li jirrelataw ma' l-irkupru tal-klejms mhux aktar tard mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim li jissemma fl-Artikolu 9 t'aktar 'l isfel.

#### *Artikolu 9*

##### *Il-ftehim ta' garanzija*

L-EIB u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri ddettaljati li jirrelataw mal-garanzija Komunitarja.

#### *Artikolu 10*

##### *Ir-Reviżjoni tad-Deċiżjoni*

1. Fuq il-bażi, *inter alia*, ta' rapport ta' attività mill-EIB kif ukoll ta' evalwazzjoni provduta mid-dipartimenti ta' l-evalwazzjoni indipendenti ta' l-EIB, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rapport ta' nofs it-term dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 akkumpanjat, kif inhu xieraq, minn proposta għall-emendi tiegħu, b'mod partikolari rigward il-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2013.

*Artikolu 11*

*L-applikazzjoni*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

### Ir-reġjuni u l-pajjiżi koperti mill-Artikolu 1

għall-pajjiżi mmarkati b'(\*) il-Kummissjoni xorta waħda trid tapprova l-eliġibilità skond l-Artikolu 2(2).

#### **A. IL-PAJJIŻI TA' QABEL L-ADEŻJONI**

**(1) *Il-pajjiżi Kandidati***

Il-Kroazja, it-Turkija, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

**(2) *Il-pajjiżi kandidati potenzjali***

L-Albanija, il-Bożnja u Herżegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

#### **B. IL-PAJJIŻI TAL-VIĊINAT U TAS-SĦUBIJA**

**(1) *Il-pajjiżi Mediterranji***

L-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Libja\*, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija.

**(2) *L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja***

*L-Ewropa tal-Lvant: il-Belarus\*, il-Moldova[\*], l-Ukrajna;*

*Il-Kawkasu t'Isfel: l-Armenja\*, l-Ażerbajġan\*, il-Ġeorġja\*;*

*Ir-Russja: ir-Russja.*

#### **C. IL-PAJJIŻI TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP U TAL-KOOPERAZZJONI EKONOMIKA**

**(1) *L-Amerika Latina***

L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, l-El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Veneżwela.

**(2) *L-Asja***

*L-Asja (mingħajr l-Asja Ċentrali):*

L-Afganistan\*, il-Bangladexx, il-Butan, il-Brunej, Burma/il-Mijanmar\*, il-Kambodja, iċ-Ċina, il-Hong Kong, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran\*, l-Iraq\*, ir-Repubblika tal-Korea (il-Korea t'Isfel), il-Lao PDR (il-Laos), il-Makaw, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajpej Ċiniż, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen\*.

*L-Asja Ċentrali:*

Il-Każakistan\*, ir-Repubblika tal-Kirgistan\*, it-Taġikistan\*, it-Turkmenistan\*,  
l-Użbekistan\*.

(3) *L-Afrika t' Isfel*

Ir-Repubblika ta' l-Afrika t' Isfel.

**D. IR-RISERVA**

Il-pajjiżi potenzjalment eliġibbli għall-Mandat ta' Riserva huma dawk elenkati f'dan l-Anness.

## DIKJARAZZJONI LEĠIŻLATTIVA FINANZJARJA

### 1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investment kontra telf minn self u garanziji għall-proġetti barra mill-Komunità.

### 2. QAFAS ABM / ABB

Il-Qasam(l-Oqsma) ta' Politika kkonċernat(i) u l-Attività/Attivitajiet assoċjata(i):

Il-Qasam ta' Politika : l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

L-Attività ABB : l-Operazzjonijiet u l-Istrumenti Finanzjarji

### 3. IL-LINJI BAĠITARJI

#### 3.1. Il-linji baġitarji (linji operattivi u linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji B.A)) inklużi l-intestaturi:

01 04 01 14	Flasijiet lill-Fond ta' Garanzija fir-rigward ta' l-operazzjonijiet il-ġodda
-------------	--

#### 3.2. It-tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Is-self u l-garanziji ta' l-EIB taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja (l-“Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB”) jistgħu jiġu ffirmati mill-EIB mill-2007 sa l-2013. It-tul ta' żmien totali ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju tagħha se jiġu ddeterminati, madanakollu, mill-maturità ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB ffirmati.

#### 3.3. Il-karatteristiċi baġitarji:

Linja baġitarja	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjon i ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti	Intestatura fil-qafas finanzjarju
01 04 01 14	Obbli g.	Mhux diff <sup>17</sup>	LE	LE	LE	4

<sup>17</sup> Approprijazzjonijiet mhux differenzjati li minn hawn 'il quddiem se jissejħu NDA.



## 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

### 4.1. Ir-Riżorsi Finanzjarji

#### 4.1.1. Sommarju ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor ir-riżorsi baġitarji stmati meħtieġa għall-finanzjament tal-Fond ta' Garanzija, ikkalkulati skond il-mekkaniżmu ta' proviżjon il-ġdid propost mill-Kummissjoni (COM (2005) 130 tal-5 t'April 2005) u bbażati fuq il-mandat ta' self ta' l-EIB propost ta' EUR 33 biljun u livell ikkombinat ta' self garantit ieħor (l-Għajnuna Makro-Finanzjarja u l-Euratom) ta' EUR 4.5 biljuni bejn l-2007 u l-2013. L-istimi huma bbażati fuq suppożizzjonijiet indikattivi raġonevoli (il-livell ta' firem ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB li jiżdedu b'10% f'sena, profil ta' ħruġ ta' flus u ta' ħlasijiet lura skond il-mudelli korrenti) u jassumu li l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija se sseħħ fl-2007.

Il-figuri għall-kalkulazzjonijiet tal-proviżjon “normali” jingħataw fid-dettall fit-Tabella 8.1. Wieħed jassumi li l-mekkaniżmu l-ġdid ta' proviżjon se jidħol fis-seħħ fl-01/01/2007.

Għall-2007: m'għandu jkun hemm l-ebda proviżjon (is-sena tal-bidla). Madankollu, ta' min jinnota li wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandu jkun hemm rimborż stmat f'somma waħda ta' EUR 254 miljun mill-Fond ta' Garanzija lill-Baġit Ġenerali, skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru. 2273/2204 tat-22 ta' Diċembru 2004. Din l-operazzjoni eċċezzjonali se titwettaq permezz ta' Baġit ta' Emenda, biex b'hekk l-Istati Membri jiġu rimborsati fl-2007.

Għall-2008: il-kalkulazzjonijiet għall-PDB se jkunu bbażati fuq l-ammont immirat sa mill-31.12.2006. L-istimi juru li ammont żejjed li jlaħħaq il-EUR 157 miljun se jidher u se jkun ibbaġitjat fl-2008 bħala “dħul”. Dan l-ammont ġej mill-proviżjon “ex-ante” tas-sistema korrenti, li għadha fis-seħħ fl-2006, li se toħloq “proviżjon żejjed” sa mill-31.12.2006 rigward l-ammont immirat. Skond il-proviżjon il-ġdid, dak l-ammont se jkun ibbaġitjat bħala “dħul” fil-baġit ta' l-2008.

Għall-2009: il-kalkulazzjonijiet li se jkunu bbażati fuq ammont immirat sa mill-31.12.2007. L-istimi juru ammont żejjed ta' EUR 2 miljuni.

Għas-snin 2010-2013, il-kalkulazzjonijiet juru bżonn qed jikber ta' proviżjon, skond l-ammont tas-self li għadu pendenti li qed jikber li huwa dovut għall-mandat il-ġdid.

Il-pakkett ta' EUR 1.4 biljun twarrab fil-programmazzjoni finanzjarja ta' l-Intestatura 4 bi profil li la jogħla u lanqas jitbaxxa (*flat profile*) ta' EUR 200 miljun fis-sena. Għalkemm l-ammont totali ipprogrammat ta' EUR 1.4 biljun għandu jinżamm bħala l-“bżonnijiet massimi baġitarji”, il-profil jista' jiġi aġġustat matul il-perjodu ta' programmazzjoni biex iqis żviluppi negattivi bħall-akkumulazzjoni tan-nuqqas ta' ħlasijiet<sup>18</sup> u valutazzjoni negattiva ta' l-assi<sup>19</sup>, sabiex ilaħħaq ma'

<sup>18</sup> EUR 100 miljun/sena ġejjin mill-attivazzjoni tal-garanzija f'każ ta' nuqqas ta' ħlasijiet kbar (ara l-“mekkaniżmu fformolat biex inaqqas l-impatt tat-telf (li ġej min-nuqqas li d-debituri jonoraw id-djun) fuq il-baġit” f'COM(2005) 130 tal-5.4.2005).

sitwazzjonijiet estremi kif jintwera fil-“Bżonnijiet baġitarji massimi” totali (ara t-tabella ikat ‘l isfel). Min-naħa l-oħra, fil-bidu tal-perjodu, prattikament mhi se tkun meħtieġa l-ebda riżorsa finanzjarja minħabba l-bidla għas-sistema ta’ proviżjon il-ġdida.

EUR Miljuni	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
<b>Dħul Baġitarju</b>	0	157	2	0	0	0	0	159
<b>Bżonnijiet baġitarji għall-proviżjon normali</b>	0	0	0	129	153	160	165	607
<b>Aġġustamenti possibbli fil-valutazzjoni tas-suq ta’ l-assi tal-Fond ta’ Garanzija</b>	0	0	137	142	149	156	164	248
<b>Impatt potenzjali tat-talbiet possibbli</b>	0	0	100	100	100	100	100	500
<b>Bżonnijiet baġitarji massimi</b>	0	0	135	271	302	316	329	1353

It-tabella baġitarja li ġejja tqis ir-riżorsi baġitarji massimi stmati meħtieġa għall-provvista tal-Fond ta’ Garanzija. Ta’ min jenfazizza, madankollu, li l-ammonti indikati mhux bilfors se jikkorrispondu ma’ l-ammonti li għandhom jiġu bbaġitjati kull sena: l-ammonti baġitarji eżatti (ikklassifikati bħala Nefqa Obbligatorja) fis-sena n+1 se jkunu ddeterminati fuq il-bażi tal-figuri fil-31 ta’ Diċembru tas-sena n-1 fuq il-bażi ta’ l-ammont tas-self li għadu pendenti kopert mill-Fond ta’ Garanzija, l-ammont immirat korrispondenti (jiġifieri 9% tas-self li għadu pendenti), in-nuqqas ta’ ħlasijiet li kien hemm matul is-sena, u l-valutazzjoni ta’ l-assi tal-Fond. Il-‘bżonnijiet baġitarji massimi’ għalhekk iridu jitqiesu bħala xenarju ta’ l-aġar każ li jista’ jseħħ b’mod eċċezzjonali fi snin partikolari.

EUR miljun (punt deċimali wieħed)

Tip ta’ nefqa	Nru. tat-Taqsima		2007	2008	2009	2010	2011	2012-13	Total
<b>In-nefqa operattiva<sup>20</sup></b>									
Approprijazzjonijiet għall-Impenji (AI)	8.1.	a	0.0	0.0	135.0	271.0	302.0	645.0	1353.0

<sup>19</sup> Sabiex jiġu evalwati l-implikazzjonijiet għall-proviżjon tal-varjazzjonijiet possibbli fil-valutazzjoni ta’ l-assi tal-Fond ta’ Garanzija, saru dawn is-suppożizzjonijiet li ġejjin: portafoll li jidm għal 3.3 snin; żieda ta’ 1% fir-rati ta’ l-imgħax ta’ kull sena; evoluzzjoni fl-assi tal-Fond ta’ Garanzija li tirriżulta mill-‘proviżjon normali’ stmat. M’hemm l-ebda implikazzjoni għall-2007 u għall-2008 minħabba l-perjodu tranżitorju.

<sup>20</sup> Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx O1 tat-Titolu xx ikkonċernat.

Approprijazzjonijiet għall-Ħlasijiet (AH)		b	0.0	0.0	135.0	271.0	302.0	645.0	1353.0
---	--	---	-----	-----	-------	-------	-------	-------	--------

**In-nefqa amministrattiva fl-ammont ta' referenza<sup>21</sup>**

Għajjuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	-	-	-	-	-	-	-
--	--------	---	---	---	---	---	---	---	---

**L-AMMONT TOTALI TA' REFERENZA**

<b>Approprijazzjonijiet għall-Impenji</b>		<b>a+c</b>	<b>0.0</b>	<b>0.0</b>	<b>135.0</b>	<b>271.0</b>	<b>302.0</b>	<b>645.0</b>	<b>1353.0</b>
<b>Approprijazzjonijiet għall-Ħlasijiet</b>		<b>b+c</b>	<b>0.0</b>	<b>0.0</b>	<b>135.0</b>	<b>271.0</b>	<b>302.0</b>	<b>645.0</b>	<b>1353.0</b>

**In-nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>22</sup>**

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d	0.8	0.8	0.8	0.8	0.8	1.5	5.3
Spejjeż amministrattivi, għajr ir-riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	-	-	-	-	-	-	-

**Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervent**

<b>AI TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		<b>a+c +d +e</b>	<b>0.8</b>	<b>0.8</b>	<b>135.8</b>	<b>271.8</b>	<b>302.8</b>	<b>646.5</b>	<b>1358.3</b>
<b>AH TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		<b>b+c +d +e</b>	<b>0.8</b>	<b>0.8</b>	<b>135.8</b>	<b>271.8</b>	<b>302.8</b>	<b>646.5</b>	<b>1358.3</b>

**Id-dettalji tal-kofinanzjament**

Mhu previst l-ebda kofinanzjament.

*4.1.2. Il-kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja*

- Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.
- Il-proposta se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-Qafas Finanzjarju.
- Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>23</sup> (jiġifieri l-istrument ta' flessibilità jew ir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju).

*4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

- Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul

<sup>21</sup> Nefqa fl-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

<sup>22</sup> Nefqa fil-Kapitolu xx 01 għajr għall-artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

<sup>23</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Interistituzzjonali.

□ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

#### 4.2. Ir-riżorsi Umani FTE (inklużi l-uffiċċjali, l-istaff temporarju u estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	2007	2008	2009	2010	2011	2012-2013
Numru totali ta' riżorsi umani	7	7	7	7	7	14

### 5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

#### 5.1. Il-bżonnijiet li għandhom jiġu sodisfatti tul medda qasira jew twila ta' żmien

Kif intqal fid-dettall fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, il-mandat ġenerali tas-self eżistenti ta' l-EIB se jiskadi fl-aħħar ta' Jannar 2007, b'estensjoni possibbli ta' 6 xhur, f'każ li s-self mogħti mill-EIB ma jkunx kiseb l-ammonti totali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-mandat separat ta' l-EIB għal proġetti fir-Russja, fl-Ukrajna, fil-Moldova u fil-Belarus se jiskadi fl-istess data. Hemm bżonn li dawn il-mandati jiġu mġedda jekk il-Komunità se tkompli toffri garanzija għall-operazzjonijiet esterni ta' finanzjament ta' l-EIB bħala tkompli ta' l-għanijiet tal-politika ta' l-UE.

Il-mandat il-ġdid se jibni fuq dak eżistenti, billi jwessa' attenzjoni ġeografika u settorjali ta' l-operazzjonijiet ta' l-EIB skond il-prijoritajiet politiċi ġodda ta' l-UE.

#### 5.2. Il-valur miżjud ta' l-involvement Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' l-istrumenti finanzjarji l-oħra u s-sinerġija possibbli

L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB barra l-UE jirrappreżentaw għodda ferm viżibbli u effettiva b'appoġġ għall-azzjoni esterna ta' l-UE. Ir-rapport li jakkumpanja l-proposta leġislattiva jagħti d-dettalji tal-benefiċċji prinċipali ta' l-intervent ta' l-EIB f'pajjiżi ta' dan it-tip, bħal li tiġi mġoddija l-kompetenza lill-promoturi tal-proġetti u l-applikazzjoni ta' l-istandards ambjentali u ta' akkwist ta' l-UE għall-proġetti ffinanzjati. Flimkien mal-benefiċċju li jissemew aktar 'il fuq, l-EIB jgħaddi b'mod sħiħ il-vantaġġi finanzjarji li jirriżultaw mill-garanzija Komunitarja u l-ispejjeż attraenti tal-finanzjament tal-Bank lill-benefiċjarji finali fil-forma ta' rati ta' l-imgħax kompetittivi.

Il-mandat taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja jipprovdi appoġġ politiku u finanzjarju neċessarju mill-Komunità għal pajjiżi u għal proġetti li normalment ma jaqgħux fil-linji ta' gwida u fil-kriterji standard ta' l-EIB.

L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB se jikkomplementaw l-attivitajiet imwettqa taħt l-istrumenti ta' għajnuna esterna l-ġodda. Sabiex jiżied aktar is-sostenn għall-politiki esterni ta' l-UE f'kull reġjun speċifiku, il-konnessjoni bejn il-prijoritajiet ta' l-EIB u l-politiki ta' l-UE se tiġi msaħħa. Dan se jinkiseb permezz ta' qafas aktar b'saħħtu għad-djalogu u għall-kooperazzjoni bejn l-EIB u l-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-politiki reġjonali, l-istrateġiji tal-pajjiż, u fuq il-livell tal-proġetti. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB jistgħu jkunu kkombinati b'mod utli mar-riżorsi baġitarji ta' l-UE fil-forma ta' appoġġ għall-għotja, kapital ta' riskju u

sussidju tar-rati ta' l-imgħax flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni tal-proġetti u għall-implimentazzjoni jew għat-titjib tal-qafas legali u regolatorju.

### 5.3. **L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ta' l-ABM**

L-għan prinċipali tal-proposta huwa li titmexxa 'l quddiem il-kontribuzzjoni ta' l-EIB biex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-politika ta' l-UE, permezz tal-finanzjament tal-proġetti ta' investiment. L-għanijiet li għandhom jiġu mfittxija mill-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB taħt il-mandat se jvarjaw fir-reġjuni differenti u jingħataw id-dettalji tagħhom fl-att legali propost. Għan ieħor importanti tad-Deċiżjoni proposta hu li tiġi inkoraġġgata l-kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra (IFIs).

Il-kisba ta' l-għanijiet se tiġi mkejla primarjament permezz tal-volum ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB skond ir-reġjuni u skond is-settur, kif ukoll permezz tal-volum ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB ko-finanzjati ma' IFIs u/jew programmi tal-Kummissjoni oħra.

### 5.4. **Il-Metodu ta' l-Implimentazzjoni (indikattiv)**

#### ***Ġestjoni Ċentralizzata***

- direttament mill-Kummissjoni
- indirettament b'delegazzjoni lill-:
  - Aġenziji eżekuttivi
  - korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif jissewma fl-art. 185 tar-Regolament Finanzjarju
  - korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

#### ***Ġestjoni mqasma jew deċentralizzata***

- ma' l-Istati Membri
- ma' pajjiżi Terzi

#### ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti:

B'konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti, il-proposta tippredvi li l-EIB jingħata mandat mill-Kunsill biex jifinanzja proġetti ta' investiment skond ir-regoli u l-proċeduri tiegħu stess. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni tal-garanzija Komunitarja. L-EIB u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati li jirrelataw ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

## **6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI**

### **6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ**

L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB taħt il-garanzija Komunitarja se jiġu ġestiti mill-EIB skond ir-regoli u l-proċeduri tal-Bank stess, inklużi miżuri ta' verifika, kontroll u monitoraġġ xierqa. Kif previst fl-istatut ta' l-EIB, il-Kumitat tal-Verifika tal-Bank, li huwa appoġġjat minn awdituri esterni, huwa responsabbli li jivverifika li l-operazzjonijiet tal-Bank twettqu u l-kotba tiegħu nżammu b'mod xieraq. Il-kontijiet ta' l-EIB jiġu approvati kull sena mill-Bord tal-Gvernaturi tiegħu.

Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi ta' l-EIB, fejn il-Kummissjoni hija rrapreżentata minn Direttur u minn Direttur li jalterna, japprova kull Operazzjoni ta' Finanzjament ta' l-EIB u jimmonitorja li l-Bank huwa ġestit skond l-Istatut tiegħu u skond id-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-ftehim eżistenti bejn it-tliet partijiet bejn il-Kummissjoni, il-Qorti ta' l-Awdituri u l-EIB, li l-aħħar li ġie mġedded kien f'Ottubru 2003 jagħti d-dettalji tar-regoli li l-Qorti ta' l-Awdituri għandha ssegwi meta twettaq il-verifiki tagħha fuq l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB taħt il-garanzija Komunitarja.

Skond l-Artikolu 7 tal-proposta, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB li twettqu skond din id-Deċiżjoni, fejn tagħmel użu mir-rapporti annwali ppreparati mill-EIB, tipprovdi informazzjoni dwar il-finanzjament mogħti fir-reġjuni jew fis-setturi differenti u dwar il-kooperazzjoni ma' l-IFIs l-oħra.

Barra minn hekk, l-EIB għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'data statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull waħda mill-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB kif ikun neċessarju biex jissodisfa d-dmirijiet ta' rappurtaġġ tiegħu jew it-talbiet mill-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea kif ukoll ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB li jkunu għadhom pendenti.

### **6.2. L-evalwazzjoni**

#### *6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante*

Il-proposta leġislattiva hija akkumpanjata minn rapport tal-Kummissjoni li jinkludi valutazzjoni dettaljata tal-Garanzija Komunitarja eżistenti għall-operazzjonijiet barra l-UE ta' l-EIB. Ir-rapport fih ukoll, f'anness separat, analiżi tal-bżonnijiet futuri fir-reġjuni differenti koperti mill-mandat, inkluża l-kapaċità ta' assorbiment tagħhom, u jagħti deskrizzjoni qasira ta' kif il-mandat propost jirrispondi għall-bżonn antiċipat.

#### *6.2.2. Il-miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat)*

L-esperjenza mill-operazzjoni tal-Garanzija Komunitarja korrenti wasslet għal xi modifiki proposti għall-modalitajiet tagħha, speċjalment f'termini ta' kopertura ġeografika, definizzjoni ta' l-ambitu tal-mandat ta' l-EIB fir-reġjuni differenti, iż-żjeda ta' Mandat ta' Riserva, tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-attivitajiet ta' l-EIB u l-prijoritajiet esterni ta' l-UE u rinforzar konsegwenti tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIB, kif ukoll kjarifika tar-riskji koperti mill-Garanzija. Il-mandat

propost se jkopri wkoll garanziji ta' l-EIB, li jestendu lil hinn mill-kopertura għas-self biss taħt il-mandati preċedenti.

### 6.2.3. *It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni futura*

Il-proposta tipprevedi għall-preparazzjoni ta' reviżjoni ta' nofs it-term tal-mandat ta' l-EIB sal-30 ta' Ġunju 2010, li għandha tippermetti, jekk ikun neċessarju, li l-attenzjoni tiffoka mill-ġdid fuq il-prijoritajiet stabbiliti fil-bażi legali. Għandha tiġi ppreparata mill-Kummissjoni fuq il-bażi, *inter alia*, ta' rapport ta' attività mill-EIB kif ukoll ta' evalwazzjoni provduta mid-dipartiment ta' evalwazzjoni indipendenti ta' l-EIB.

Il-Kummissjoni se tipprepara rapport finali dwar il-mandat ta' l-EIB sal-31 ta' Lulju 2013

## 7. **IL-MIŻURI TA' KONTRA L-FRODI**

Ir-regoli u l-proċeduri tal-Bank jinkludu arranġamenti dettaljati għall-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni. B'mod partikolari, f'Lulju 2004, il-Bord tal-Gvernaturi ta' l-EIB approva deċiżjoni relatata mal-proċeduri għall-kooperazzjoni ma' l-OLAF u konsegwentement adatta l-proċeduri interni tiegħu.

## 8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom (EUR miljuni)

(Intestaturi ta' Għanijiet, azzjonijiet u riżultati għandhom jiġu provduti)	Tip ta' riżultat	2007		2008		2009		2010		2011		2012		2013	
		Finanzjament ta' l-EIB	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali
Volum indikattiv ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB iffirmati (mandat ġdid)		3,478		3,826		4,209		4,629		5,093		5,602		6,162	
L-ammont li għadu pendenti bbażat fuq zburżameti u ħlasijiet ta' dejn stmati ta' l-operazzjonijiet ta' l-EIB (mandati qodma u ġodda)		10,485 <sup>1</sup>		12,175		14,342		16,696		19,175		21,736		24,433	
L-ammont li għadu pendenti bbażat fuq zburżamenti u ħlasijiet ta' dejn stmati ta' operazzjonijiet oħra (MFA+ Euratom)		1,150 <sup>2</sup>		1,358		1,310		1,227		1,141		1,004		841	
L-ammont totali li għadu pendenti ibbażat fuq zburżamenti u ħlasijiet ta' dejn stmati		11,635 <sup>3</sup>		13,533		15,653		17,923		20,316		22,740		25,274	
Ammont immirat @ 9%		1,047		1,218		1,409		1,613		1,828		2,047		2,275	

Dħul baġitarju

0 157 2 0 0 0 0 0

Bżonnijiet tal-proviżjon normali		0		0		0		129		153		160		165	
Bżonnijiet baġitarji massimi Total = EUR 1353 miljun		0		0		135		271		302		316		329	

<sup>1</sup> Inkluż l-impatt stmat tat-tkabbir (1,995)

<sup>2</sup> Inkluż l-impatt stmat tat-tkabbir (830)

<sup>3</sup> Inkluż l-impatt stmat tat-tkabbir (2825)



## 8.2. In-Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1. In-numru u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' postijiet		Staff li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>numru ta' postijiet/FTEs</b> )					
		2007	2008	2009	2010	2011	2012-13
Uffiċċjali jew staff temporarju <sup>24</sup> (XX 01 01)	A*/AD	4	4	4	4	4	8
	B*, C*/AST	3	3	3	3	3	6
Staff ifffinanzjat <sup>25</sup> permezz ta' l-art. XX 01 02							
Staff ieħor <sup>26</sup> ifffinanzjat permezz ta' l-art. XX 01 04/05							
<b>TOTAL</b>		<b>7</b>	<b>7</b>	<b>7</b>	<b>7</b>	<b>7</b>	<b>14</b>

### 8.2.2. Id-deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

Il-kompiti prinċipali li jirriżultaw mill-ġestjoni tal-garanzija Komunitarja huma dawn li ġejjin:

- Il-preparazzjoni tal-proposti leġiżlattivi u tal-ftehimiet ta' garanzija;
- Il-ġestjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni;
- L-amministrazzjoni tal-proċedura baġitarja annwali;
- Ir-rappurtaġġ annwali lill-Kunsill u lill-Parlament;
- L-immaniġġjar tat-talbiet;
- Il-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija;
- Il-kontabilità;
- Ir-relazzjonijiet mal-Qorti ta' l-Awdituri, mal-Parlament u mal-Kunsill.

### 8.2.3. Is-sorsi tar- rizorsi umani (statutarji)

- Il-postijiet allokatu bħalissa għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu sostitwiti jew estiżi

<sup>24</sup> L-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

<sup>25</sup> L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

<sup>26</sup> L-ispiża tiegħu hija inkluża fl-ammont ta' referenza

- Il-postijiet allokatati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena 2007
- Il-postijiet li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Il-postijiet li għandhom jitqassmu mill-ġdid billi jintużaw riżorsi eżistenti fis-servizz ta' ġestjoni (trasferimenti interni)
- Il-postijiet meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena kkonċernata

Il-bżonnijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni mogħtija lis-servizz ta' ġestjoni fil-qafas tal-proċedura ta' l-allokazzjoni annwali.

8.2.4. *Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

Linja baġitarja (numru u intestatura)	2007	2008	2009	2010	2011	2012- 2013	TOTAL
<b>1 Ghajjnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż ta' l-istaff relatati)</b>							
Aġenziji eżekuttivi <sup>27</sup>							
Ghajjnuna teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
<b>Ghajjnuna Teknika u amministrattiva totali</b>	-	-	-	-	-	-	-

8.2.5. *L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2007	2008	2009	2010	2011	2012- 2013
Uffiċċjali u staff temporarju (XX 01 01)	0.756	0.756	0.756	0.756	0.756	1.512
Staff iffinanzjat permezz ta' l-Art XX 01 02 (awżiljarju, END, staff bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja baġitarja)	-	-	-	-	-	-
<b>L-ispiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)</b>	0.756	0.756	0.756	0.756	0.756	1.512

<sup>27</sup> Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja speċifika għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva(i) konċernata(i).

8.2.6. Nefqa amministrattiva oħra li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012-2013	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati <sup>28</sup>							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' Informazzjoni							
<b>2 Nefqa Oħra ta' Ġestjoni Totali (XX 01 02 11)</b>							
<b>3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva</b> (speċifika billi tinkludi r-referenza għal-linja baġitarja)							
<b>In-nefqa Amministrattiva Totali, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b>	-	-	-	-	-	-	-

<sup>28</sup> Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.